# Kunsill Lokali Gżira

28 ta’ Ġunju 2021

**Ref Nru. 34/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 30/2021 li saret t-Tlieta 28 ta’ Ġunju 2021

Il-Kunsill ltaqa’ permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5pm.

**Preżenti**

Sebgħa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Jessica Borg, Ian Buhagiar, Shaun Farrugia u Hugh Caruana flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Il-Kunsilliera Jeremy Cardona u Alex Zammit

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 22 ta’ Ġunju 2021

**34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

34.1.1 L- Agent Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri ta' apoloġija.

**34.2 Intervent ta l-Istaff**

34.2.1 Permessi tas-Sajf – Jurgen Busuttil staqsa lil Kunsill jekk il-ħinijiet tal-permissi tul is-Sajf għandhomx jibqaw l-stess jew jinbdew iktar kmieni. Il-Kunsill qabel li l-permessi jistaw jibdew fit-8.30AM flok fid-9.30AM ghal matul is-Sajt biss

34.2.2 Permessi tal-Festa – Il-Kunsillier N.Cetchuti staqsa jekk waqt il-gimgħa tal-festa humiex ħa jingħataw permessi. Il-Kunsill qabel li minħabba li mhux ser ikun hemm l-ebda festi esterni, il-permess ħa jibqaw jingħataw normali għal eċċezzjoni ta Triq Manoel De Vilhena u Triq Carlo Manché. Is-Sibt u l-Ħadd mhux ħa jingħataw l-ebda permess. Jurgen Busuttil staqsa rigward il-permessi ta'kiosks, fejn il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

34.2.3 Permessi fil-Gimgħa ta' Santa Marija – Bħal kull sajf il-Kunsill qabel li waqt il-Gimgha ta' Santa Marija l-ebda permess mhux sa jingħata.

34.2.4 Road Closures – Il-Kunsillier N.Cetchuti semmgħa li jrid ikun hemm sistema aħjar biex jingħalqu it-toroq bil-permess sabiex jitnaqqas l-inkonvenjenza fil-lokalita. Jurgen Busuttil ta spjeġazzjoni ta' kif tahdem is-sistema, fejn ma jingħatawx iktar minn hames (5) permessi kuljum u id-divergent routes jibqaw aċċessibli. Il-Problema dejjem tibqa t-toroq li jingħalqu mingħajr permess. Is-Sindku semmgħa li la darba nibdew noffru is-servizz tas-Security Guard, din il-problema għandha ittaffi.

34.2.5 L-Audit tal-Kunsill – Il-Kunsill gie infurmat li dan l-aħħar xahar sar l-Awditjar tal-finanzi tal-Kunsill għas-sena 2020. Hawn il-Kunsill gie infurmat li minħabba kemm għas-seġretarja kif ukoll għal Cathleen dan kien l-ewwel awditjar, id-dokumenti kif ukoll l-informazzjoni mitluba ħadet ftit iktar zmien għal-amministrazzjoni biex tiġi preżentata. Madanakollu, l-awdituri ingħataw l-informazzjoni kollha mitluba u ma kienx hemm l-ebda problema waqt il-process kollu.

34.2.6 Is-Sindku flimkien mal-Kunsill irringrazzja lil-istaff ta' l-intervent u tal-ħidma tagħhom.

**34.3 Ġnien Kunsill ta' L-Ewropa – Intervent tal-Perit**

34.3.1 Il-Perit Antoine Zammit ta prezentażżjoni tal-progett, fejn dan huwa parti minn progett ikbar bl-intenzjoni li il-Promenade issir waħda sħiħa minn Ta'Xbiex, taddi mil-Gzira u tibqaa tiela' sa Sliema. Il-progett jinkludi ukoll il-

manutenzjoni u ir-rigenerazzjoni tal-moll. Punti importanti li semmha il-Perit huma dawn:

I. Reorganiżżazzjoni tal-parking area
II. 500m$^2$ ta' Kapitenerija, li jinkludi Belvedere Pubbliku fuq is-saqaf
III. Is-Sigar affetwati b'din il-binja huma minimi. Il-Palm gie integrat fid-disinn tal-binja u is-sebgha sigar iz-zgħar ser jigu transpjantati f'zoni ohra tal-ġnien. Dan għandu isir b'permessi speċjali maħruġ mil-ERA (Nature permit).
IV. Il-Binja ġiet iddisinjata b'tali mod li jinħoloq ftuħ vizwali permezz ta' passaġ f'nofs il-binja u ħġieġ mal-faċċata kwazi kollha.
V. Il-binja tinkludi l-ufficini tal-marina, ħanut zgħir ta' 9m$^2$ u restaurant/cafetteria
VI. Il-Binja ser tinkludi Public Toilets. Is-saqaf tahom, flimkien ma privati tal-Marina, ser ikun iktar baxx. Dan ser isir biex is-servizzi (tankijiet, pompi etc) jiġu integrati ma l-għoli tal-binja, b'hekk ma jkunux ta' xkil vizwali.
VII. Huwa obbligu ta' l-operatur tal-Marina li jiggenera il-gnien skont dak li gie diskuss kemm mal-Kunsill, kif ukoll il-pubbliku.

34.3.2 Mistoqsijiet

I. Il-Perit ikkonferma li l-Operatur tal-Marina ser jieħu hsieb hu tal-Public Toilets ġol-gnien.
II. Ġie ikkonfermat li prezentement fuq il-pjanta tal-Belvedere preżenti hemm erba (4) bankijiet formali bi tnejn (2) u tlieta (3) ohra informali. Madanakollu l-operatur ma jeskludiex li jzied l-ammont jekk tinhass il-ħtieġa.
III. Minn studju li sar u bil-mod kif gie iddisinja il-parkeġġ (45º parking), dan ser ikun jesa' iktar minn dak preżenti. Il-parkegg ser jibqa pubbliku, hlief għal parkegg tad-dizabli u charging points. Madanakollu il-perit issuggerixxa li dan il-punt jiġi diskuss ma' l-operatur fid-dettal.
IV. Il-Bar imnizzel fil-pjanta huwa dan tar-restaurant/cafetterija. Jista , jkun li l-operatur tar-restaurant/cafetteria jiddecidi li ma jagħmlux.
V. L-speci ta' sigar li ser ikun hemm fil-parkegg għadhom ħa jiġu diskussi ma' specjalisti tal-landscaping u botanerija. Dan ma għandhomx jostakolaw il-veduta mil-belvedere.
VI. Sabiex ikun hemm uniformita, l-operatur qed jipproponi fil-permessi tieghu biex is-substation ta' l-Enemalta tigi ikledjata inkonforma mal-binja.
VII. Ix-xogħolijiet tal-moll dalwaqt ikunu lesta. Wara is-sajf ser jibdew ix-xogholijiet tal-parkegg. L-operatur ghadu qed jistenna il-permessi tal-binja u ir-rigenerar tal-gnien. Dawn ix-xogholijiet huma mistennija jibdew is-sena id-diehla 2022.

34.3.3 Il-Perit ikkonferma li l-operatur huwa lest li jiffirma MOU fuq dak kollu miftieh s'issa u anki il-quddiem fil-progett.

**34.4 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

34.4.1 Il-minuti tal-laqgħat li saret it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021 u il-laqgħa urgenti li saret il-Gimgħa 3 ta Ġunju 2021, ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

34.4.2 Paġna Nru.2 para 31.2.3 – Scaffolding mingħajr permissi. – Is-Sindku semma li qieghed jiġbor l-informazzjoni kollha ta' l-iscaffoldings bla permess sabiex jittiehdu passi u il-kuntratturi jirregolaw ruħhom.

34.4.3 Paġna Nru.2 para 31.2.4 – Laqgħa mal-Kappillan – Din il-laqgha għandha issir qabel il-festa tal-Madonna tażl-Karmnu.

34.4.4 Paġna Nru.2 para 31.2.5 - Pjazza Meme Scicluna – Il-Kunsillier N.Cethcuti staqsa għal aġġornament fejn l- Agent Segretarju Eżekuttiv qalet li il-Kunsill qed jistenna il-permess mingħand il-PA

34.4.5 Paġna Nru.2 para 31.2.7 – Public Convenience – Il-Kunsillier N.Cethcuti staqsa għal aġġornament fejn l- Agent Segretarju Eżekuttiv qalet li kif kien miftiehem il-Public Convinience giet magħluqa mil-ewwel ta' Ġunju u tpoggew il-mobile toilets. Ix-xogħolijiet ta' tkissir tlestew ukoll. Saret l-applikazzjoni għad-DNO u din gie milqugħa f'qasir zmien. Harget il-call għax-xogħol tal bennej sabiex jingħalqu zewġ bibien u jinfetaw wiehed centrali u la darba tigi accettata jinbeda ix-xogħol.

34.4.6 Paġna Nru.3 para 31.2.8 - Gbir ta' l-Iskart – Is-Sindku semmgħa li waqt laqgħa mal-kuntrattur ġie diskussn il-possibilta li l-ġbir ta' l-iskart jerġa jibda jsir filgħodu. Dan wara diskussjoni ma ħafna residenti. Issemgħa li l-kuntrattur jista jkollu diffikulta meta jkun hemm toroq magħluqa. F'dawk il-kazijiet l-amministrazzjoni għanddha tavza li kuntrattur, pero l-akbar diffikulta tal-kuntattur huma il-karozzi ipparkjati fil-każntunieri fil-ħin tal-gbir preżenti. Il-Kunsilliera qablu li jinbidel il-ħin tal-gbir għad-disgħa ta' filgħodu.

34.4.7 Road Closures – Security Guards – L-Agent Segretarju Eżekuttiv tat aġġornament fejn il-Kunsill ircieva tliet kwotazzjonijiet. Saret laqgħa ma kull operatur biex jiġi evalwat u anki jiġi diskuss kif ser tiġi operata is-sistema. Il-Kumpanija għandha tingħata id-dettaliji kollha mal-booking, fejn umbad il-guard jingħata brief il-kunsill qabel ma jmur fuq il-post. Din is-sistema għandha tinbeda fil-gimgħat li gejjin.

34.4.8 Parkeġġ fl-għalqa tal-baruni – Il-Sindku qal li kellu xi laqgħa mal-bank BOV fejn urew li għandhom bzonn parkegg Il-parkegg għandu jintuza mil-ħaddiemaż tal-bank matul il-ġurnata u jista jintuża mir-resident filgħaxija u matul il-lejl. Is-Sindku għandu jagħti aġġornament fil-laqghat li ġejjin.

34.4.9 Cameras tat-Toroq – L-Agent Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-Kunsill li qedin nistenna l-aħħar quote sabiex inkunu nistaw nipprocedu biex xogħolijiet.

34.4.10 Paġna Nru.3 para 31.8.6 – Rigward il-kuntratt tal-Melita, Fabian Borg kellu jgħamel intervent. Dan ġie pospost għal-laqgħa li jmiss.

34.4.11 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 31 jiġu approvati. Il-kunsilliera J.Borg ssekondatu.

34.4.12 Il-kunsillier H.Cremona ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 32 jiġu approvati. Il-kunsillier S.Farrugia ssekondaħ.

**34.5 Komunikazzjoni tas-Sindku**

34.5.1 No Parking Belvedere – Il-Kuntrattur li qed jaħdem fi Triq Belvedere talab iċaqlaq in- No Parking Sign minn naħa ta Triq il-Flotta għal Triq Coleridge. Il-Kunsill talab iktar dettalji u gustifikazzjoni għal din il-bidla. L-Agent Segretarju Eżekuttiv għandha tirraporta fil-laqgħa li jmiss.

34.5.2 Aqualuna – Loading/Unloading Bay – Il-Kunsill intalab peress għal Loading Bay għal użu tal-lido. Il-Kunsill iddecida li jagħti il-permess għal tnejn pero irid jagħraf il-ħinijiet meħtiega.

34.5.3 Uniformijiet Ġodda – L-Agent Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-Kunsill li l-uniformijiet ta l-staff għandhom bzonn jinbidlu għaldaqstant tablet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kunsilliera kollha qablu

34.5.4 AC fl-ufficju tal Kunsill - L-Agent Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-Kunsill li mhux l-ufficji kollha għandhom l-AC. Hija tablet approvazzjoni biex isiru l-ACs fil-back office. Il-Kunsilliera kollha qablu

34.5.5 Assistenza lil Anzjani (Gbir ta' Skart) – Is-Sindku ippropona għajnuna lil anzjani sabiex jinġabrilholi l-iskart barra il-ħin ta l-iskeda. Il-Kumplament tar-residenti li jridu jużaw dan is-servizz ghandu jsir bi ħlas. Il-Kunsilliera qablu li dan is-servizz irid jiġi diskuss u imħabba lir-residenti kollha.

34.5.6 Servizz ta' Karozza – Il-Kunsill iddiskuta il-possibilita li jiġi provdut servizz ta' karozza/taxi. Is-Sindku qal li l-unika ostaklu huma ir-rozorsi umani, għaliex il-Kunsilln ma jistax jinpjega kemm irid nies. Għaldaqstant ġie ipproponut li jagħmel dan ix-xogħol wiehed mill-ħaddiema ta' CWS, u s-segretarja għandha tiddiskuti dan ma l-unika ħaddiem li għandu licenzja.

34.5.7 One Way Triq il-Gzira – Din it-Triq inbidlet għal one way sabiex ikun jista jittella tower crane għal-sena. Minħabba li dalwaqt tingħalaq Triq Manoel De Vilhena, ġie deċiz li tingħalaq l-isfel, madanakollu minħabba ilmenti kemm mil-Kunsilliera kif ukoll mir-residenti, gie deciz li tingħalaq il-fuq.

**34.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

34.6.1 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa kjarifika fuq l-Invoice ta Dr Wooks tax-xaghar ta qabel. L-Agent Segretarju Eżekuttiv kienet tiġa baghtek kjarifi bl-email:

I. Il-ħlas ta 'kull xahar favur Dr Woods ikopri parir legali meħtieġ mill-Kunsill kuljum, madankollu ma jkoprix servizzi professjonali fir-rigward ta' litigazzjoni.
II. L-oġġetti kollha elenkati fuq il-fattura jkopru l-ispejjeż tal-litigazzjonijiet fl-aħħar sitt xhur tal-2020. Dawn jinkludu diversi każijiet, li ħafna minnhom issa ġew solvuti.
III. L-aħħar oġġett fuq il-lista (Ittra Re. Każijiet Legali Attivi) ġie fatturat ħażin, u għandi ftehim ma 'Dr Woods li hu se jneħħi dan l-oġġett mill-fattura u jibagħat waħda aġġornata. Għalhekk it-total dovut lil Dr Woods fir-rigward ta 'din il-Fattura huwa ta' € 897.70 inkluża l-VAT.

Madanakollu il-Kunsillier H.Carauna ried iktar dettalji, fejn is-Sinku issuggeixxa li niltaqaw ma Dr Wooks u jiġi diskuss il-ftehim iktar fid-dettal, fejn ikun car u mifthiem minn kulħadd.

19:30 Il-Vici sindku R.Mangion talgħab biex ikun skuzat

34.6.2 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa kemm staff għandu linja tal-mobile tal-Kunsill, fejn is-segretarja ikkonfermat li hemm tliet (3) ħaddiema. Is-Segretarja għanda tibgħat in-numri ta’ l-istaff lil kunsilliera kollha.

34.6.3 Korsijiet tal-ECDL – Il-Kunsilliera J.Borg staqsiet għal aġġornament fejn is-segretarja qalet li minħabba li kien hemm dawn il-korsijiet għaddejjin min-naħa tar-Reġjun u li fis-sajf l-attendenza tnaqqas, il-korsijiet gew posponuti għal Ottubru.

34.6.4 Wifi ix-Xatt – Il-Kunsilliera J.Borg staqsieet għal possibilta li jkun hemm WIFI ix-xatt tal-Gzira. Is-Segretarja għandha tkellem lil MCA biex tara jekk hux possibli.

34.6.5 E-Scooters - Il-Kunsilliera J.Borg ilmentat dwar il-periklu u l-inkonvenjenza li qed joħolqu l-escooters fil-komunita. Dawn huma irregolarizzati bil-liġi u hemm bzonn ta’ infurzar.

34.6.6 Problema ta’ Parking – Il-Kunsilliera J.Borg ilmentat rigward in-nuqqas ta’ parking fil-lokalita. Is-Sindku stqart li il-problemaħa tibqa persistenti għaliex hawn iktar karozzi milli parking spaces.

20:00 Il-Kunsillier S.Farrugia talgħab biex ikun skuzat

**34.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

34.7.1 Is-Sindku ġie avvicinat minn għaqda fil-lokalita fejn talbu għal medical Box li tiswa €40. Il-Kunsill laqgħa din it-talba bi ħgaru.

34.7.2 Il-Kunsillera J.Borg staqqsiet fuq il-laptop bil-ħsara. Hawn il-Kunsillier H.Caruana issuġġerixxa li nipruvaw insewwuh qabel jinxtara il-ġdid.

**34.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

34.8.1 Il-kunsilliera J.Borg staqsiet għalfejn il-pagament tal Maltapost ġie maqtuħ, fejn is-segretarja spjegat li il-Maltapost talbuna nagħmlu il-petitiontions f'envelopes u kienet sa tigi iktar għalja mill-Mailbox. Ikkonfermant li il-petitions ser jintbaghtu mil-Mailbox

34.8.2 Il-kunsilliera J.Borg staqsiet fuq il-pagament ta Marika Fsadni, fejn is-segretarja spjegat li dan kien is-Survey li l-Kunsill kellu jagħmel għal-applikazzjoni ta' Norwegian Funds.

34.8.3 Il-kunsillier H.Caruana staqsa dwar il-pagament tal-PKF, fejn is-segretarja spjegat li dan huwa pagament ta' kull tliet xhur li titħallas il-kumpanija tal-Accountants.

30.8.4 Il-kunsillier H.Caruana staqsa dwar il-pagament tal-Joe Bugeja. Is-Segretarja spjegat li dan huwa il-Perit tal-Kunsill li jithallas bis-siegħa. Dan il-pagament jinkludi xogħolijiet fuq il-Public Convenience, Pjazza Meme Scicluna u Triq Manoel De Vilhena.

30.8.5 Il-Kunsillier H. Caruana ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-kunsillier N.Cetchuti ssekonda.

**34.9 Mozzjonijiet**

34.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**34.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

34.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-habta ta' 8.20pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-it-Tlieta 27 ta’ Lulju fil-5pm.

Konfermati, illum 27 ta’ Lulju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |